22 ta' Ġunju, 1957

Imħallef:—

Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Maria Attard *versus* Walter George Whicker ne. et.

**Azzjoni — Interess — Sekwestru — Liberazzjoni "ab observantia"**

*Huwa ormaj magħruf illi (a) l-interess ġuridiku għandu jkun attwali, jiġifieri li għandu jkun jeżisti fil-mument li tiġi proposta l-azzjoni, u (b) illi l-interess jeħtieġlu jkun konkret, personali, u sussistenti di fronti għall-konvenut magħżul bħala leġittimu kontradittur tad-domanda, għaliex anki għall-konvenut l-interess huwa l-miżura tal-eċċezzjoni.*

*F'kawża li l-kreditur, li jkun ottjena mandat ta' sekwestru kontra d-debitur tiegħu f'idejn Banka, jagħmel biex tiġi dikjarata mhix veritjera d-*

*dikjarazzjoni magħmula mill-manager ta' dik il-Banka wara dak is-sekwestru, u biex jiġi dikjarat illi dik il-Banka kellha, fiż-żmien tan-notifika lilha, tas-sekwestru, flus aktar minn dawk minnha dikjarati ta' pertinenza tad-debitur sekwestrat, il-kwistjoni tkun indubbjament ta' nteress lill-Banka, iżda ma tinteressax lid-debitur, li għandu għal-hekk, jekk jiġi mħarrek, jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. U xejn ma jiswa illi mill-eżitu ta' dik il-kawża jista' jiddependi ġudizzju ieħor għall-eventwali rifużjoni tal-ammont żbankat mid-debitur; għaliex l-interess, sa dak il-mument, mhux konkret u lanqas attwali.*

Il-Qorti; — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li biħ l-attriċi, peress li l-attriċi otteniet minn din il-Qorti, fis-6 u fil-5 ta' Jannar 1957, żewġ mandati kawtelatorji ta' sekwestru kontra l-konvenut John sive Edward John Attard u f'idejn il-konvenut l-ieħor Whicker nomine għas-somma ta' £3500 (dok. A u B); u peress li l-konvenut Whicker nomine, b'ittra tat-18 ta' Jannar 1957 diretta lir-Reġistratur ta' dawn il-Qrati, iddikjara li huwa għandu f'idejh biss is-somma ta' £38.3.1 (dok. C); u peress li l-konvenut Whicker nomine fil-mument tan-notifika tal-imsemmija żewġ sekwestri kellu f'idejh, oltre s-somma minnu fuq dikjarata, is-somma ta' £2600 li huwa illegalment ħallas lid-debitur sekwestrat wara n-notifika tal-istess żewġ sekwestri; premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtija l-provvedimenti opportuni, talbet li jiġi dikjarat li d-dikjarazzjoni magħmula mill-konvenut Whicker nomine fl-ittra tat-18 ta' Jannar 1957 ma hix veritjera, u jiġi deċiż li l-istess konvenut Whicker nomine, fil-ħin tan-notifika taż-żewġ sekwestri fuq imsemmija, kellu f'idejh, oltre s-somma minnu ndikata fl-istess ittra, is-somma ta' £2600 appartenenti lill-konvenut John sive Edward John Attard. Bl-ispejjeż.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut Walter George Whicker nomine, li biha ssottometta illi (1) l-interess ġuridiku tal-kawża preżenti, kif konċepita, huwa kjarament dak li permezz tagħha tiġi prekostitwita l-bażi ta' domanda futura għad-dikjarazzjoni ta' responsabilità taleċċipjent talli. bħala sekwestratarju, ippermetta lill-konve-

nut l-ieħor jirtira l-ammont ta' £2600 imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni; in-nuqqas ta' responsabilità tal-eċċipjent, għalhekk, neċessarjament iġġib magħha mankanza assoluta ta' nteress, u kwindi anki ta' azzjoni; (2) u illi l-attriċi ma ħadetx kura tinnotifika bil-mandati in kwistjoni lill-persuni direttament responsabbli għad-diversi sukkursali li għandha f'Malta l-Banka konvenuta, iżda bihom ikkommunikat kopja lill-eċċipjent biss; b'dawk il-mandati kien l-eċċipjent stess illi, per mezz tad-dipendenti tiegħu u fl-aqsar żmien possibbli, ħa ħsieb jinforma telefonikament lil kull sukkursali; u ċertament ma jistgħax jitqies responsabbli jekk, fil-mument li waslet din il-kommunikazzjoni telefonika fis-sukkursali ta' Tower Road tas-Sliema, il-konvenut Attard kien laħaq żbanka £2600 mill-£2638.3.1 li kellu depożitati hemmhekk;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut John sive Edward John Attard, li biha ssottometta illi huwa ma għandux interess f'din il-kawża, billi t-talba hija formulata biss kontra l-konvenut Whicker nomine, li bħala sekwestratarju huwa biss tenut jirrispondi għall-veraċità o meno tad-dikjarazzjonijiet li għamel wara s-sekwestru tal-attriċi; u għalhekk talab li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż;

Rat il-verbal tad-9 ta' Mejju 1957, fejn il-konvenut Whicker nomine rtira l-ewwel eċċezzjoni, u fejn il-konvenut Attard insista biex il-preġudizzjali minnu opposta tiġi deċiża;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' nteress opposta mill-konvenut Attard;

Illi huwa ormaj magħruf (a) illi l-interess ġuridiku għandu jkun attwali, jiġifieri, kif jgħid Mattirolo, "deve istere al momento in cui si propone l'azione" (Diritto

Giudiziario, Vol. I, no. 57); (b) u illi l-interess jeħtieġlu jkun konkret, personali, u sussistenti fil-konfront tal-konvenut magħżul bħala leġittimu kontradittur tad-domanda, għaliex anki għall-konvenut l-interess huwa l-miżura tal-eċċezzjoni (Kollez. XXXVII-II-889; u XXIV-II-627);

Illi, fil-kawża odjerna, l-attriċi qegħedha tippretendi li l-konvenut Whicker, bħala Manager tal-Barclay's Bank, kellu f'idejh ta' pertinenza tal-konvenut Attard, mhux biss £38.3 1 kif iddikjara bl-ittra tiegħu fol. 17, iżda £2500 oħra, li huwa kkunsinna lill-imsemmi Attard wara li ġie notifikat bis-sekwestri tagħha, u għalhekk l-attriċi qegħdha titlob li dik id-dikjarazzjoni ma hix veritjera, u li l-konvenut Whicker kellu f'idejh anki s-somma ta' £2600 appartenenti lill-konvenut Attard;

Illi, kif jidher mill-att taċ-ċitazzjoni, il-kwistjoni kollha tirrigwarda ż-żmien li fih saret in-notifika tas-sekwestru lill-Banka depożitarja tal-flus; u minnha jiddependi jekk id-dikjarazzjoni fol. 7 hijiex jew le veritjera; kwistjonijiet dawn li ndubbjament jinteressaw lill-Banka rappreżentata mill-konvenut Whicker, imma ma jidherx kif jistgħu jinteressaw lill-konvenut Attard. Xejn ma jiswa, kif sostniet l-attriċi, illi mill-eżitu tal-kawża odjerna jista' jiddependi ġudizzju ieħor għall-eventwali rifużjoni tal-ammont żbankat mill-konvenut; għaliex l-interess, il-lum, mhux konkret u lanqas attwali;

Għal dawn il-motivi;

Tastjeni ruħha milli tieħu konjizzjoni tal-preġudizzjali opposta mill-konvenut Whicker nomine, peress li ġiet ritirata;

Tilqa' l-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' nteress opposta mill-konvenut Attard, bl-ispejjeż kontra l-attriċi;

U, billi f'din il-kawża jeħtieġ jitqabbad perit legali biex

ifittex u jirrelata jekk il-pretensjoni tal-attriċi għandhiex jew le fondament, u jagħmel l-osservazzjonijiet l-oħra kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ, tinnomina għal dan l-oġġett, a spejjeż provviżorjament tal-attriċi, il-Professur Dr. Joseph H. Xuereb, u tagħtieh is-setgħat kollha......;

Tiddifferixxi l-kawża għall-24 ta' Ottubru 1957 għar-rapport;

Spejjeż riżervati.